## 22 ta' Novembru, 1963.

**Imhallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Alfred Cassano

*versus*

Violet Cassano

## Konjuġi Separati De Facto — Kura tal-Ulied.

*It-tfal leġittimi huma soġġetti għal patria potesta tal-missier. L-omm mhix mil-liġi nvestita b'ebda attribut ta' patria potestà fuq l-ulied. Bis-separazzjoni personali "de facto", li mhix rikonoxxjuta mil-liġi, il-missier ma jitlefx id-drittijiet tiegħu ta' patria potestà fuq uliedu u għalhekk meta l-ġenituri huma separati "de facto" il-mara m'għandhiex dritt iżżommu fgħkru magħha t-tfal li ikunu soġġetti għal patria potestà ta' żewġha, imma għandha troddomlu, u ma hemm lok għal ebda provvediment dwarhom bħal ma jingħata fil-każ ta' prudenza jew deċiżjoni ta' kawża ta' separazzjoni personali, u fl-azzjoni li dan jagħmel kontra martu għar-restituzzjoni tat-tfal m'għandux jitqies jekk hi kelliex ġusta kawża biex tħalli d-dar ta' żewġha.*

Il-Qorti, rat l-att ta' ċitazjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur wara li ppremetta li f'Novembru tal-1962 il-konvenuta telqgħet mid-dar konjugali u abusivament u mingħajr il-kunsens tiegħu ħadet magħha lit-tifla tiegħu minuri Christine biex tgħix għand il-familja tagħha u qegħed tirrifjuta li tirritorna

għadu, — u li l-aġir tal-konvenuta hu kuntrarju għad-dritt tal-patria potestà tiegħu fuq l-imsemmija tifla minuri — talab prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti kollha analogi, illi l-konvenuta tiġi kundannata tirritornalu t-tifla minuri Christine fi żmien qasir u perentorju taħt dawk il-provvedimenti li l-Qorti tagħti; bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li ssottomettiet illi t-talba ta' l-attur għandha tiġi miċħuda għaliex f'idejh il-kura ta' l-imsemmija tifla tkun preġudikata u għaliex l-istess eċċipjenti ntroduċiet quddiem il-Qorti kompetenti l-proċedura meħtieġa għas-separazzjoni personali minn żewġha u għalhekk il-kura ta' l-istess minuri tikkompeti lill-Qorti għal dka il huwa l-aħjar interess tagħha.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq indikata fil-ħmistax ta' Mejju, 1963, li biha ġie deċiż adesivament għat-talba billi l-konvenuta ġiet ikkundannata biex, fi żmien perentorju ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa, tirritorna lill-attur l-imsemmija tifla minuri Christine, u, f'każ li tonqos tagħmel hekk fiż-żmien li ġie lilha prefiss, l-attur ġie awtorizzat jinqeda bl-assistenza tal-Marixxal tal-istess Qorti li ġie kwindi awtorizzat biex, bil-mezzi kollha li tagħtih il-liġi, jieħu mill-poter tal-konvenuta l-istess tifla minuri Christine u jikkonsenjaha lill-attur, bl-ispejjeż; wara li dik il-Qorti kkunsidrat.

Illi rriżulta li f'Novembru, tal-1962, il-konvenuta abbandonat id-dar ta' l-attur, żewġha, u ħadet magħha waħda mit-tlett itfal minuri, jiġifieri t-tifla Christine, li hija minuri, mingħajr il-kunsens ta' l-attur, missierha, u li l-konvenuta irrifjutat li tirritorna din it-tifla lill-attur meta dan irrikjeda li tikkonsenjahielu.

Illi l-attur qiegħed issa jitlob li l-konvenuta tiġi kkundannata tirritornalu lil-imsemmija bintu Christine u l-konvenuta qegħda tagħmel opposizzjoni għal din it-talba għarraġunijiet indikati fl-imsemmija nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħha.

Illi, konformement mal-prinċipji enunċjati mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna (Vol. XXXVI. I. 179, 212), id-domanda ta' l-attur hi ġustifikata u kwindi għandha tiġi akkolta. Mhux f'kontestazzjoni li t-tifla Christine, li hija minuri, hija bint l-attur u bħala tali li hija soġġetta għal patria potestà ta' l-istess attur missierha billi ma jirriżultax li din il-patria potestà spiċċat, u dan għaliex it-tfal leġittimi huma soġġetti għal patria potestà ta' missierhom, u l-konvenuta bħala omm l-istess tifla mhiex investita mil-liġi b'ebda attribut ta' patria potestà fuq l-istess tifla. Il-kontendenti huma separati "de facto" u l-konvenuta ġja ntentat żewġ kawżi kontra l-attur żewġha it-tnejn għall-alimenti, li ġew deċiżi waħda fis-sebgħa ta' Novembru, 1962, u l-oħra fid-disgħa ta' Frar, 1963. Fl-ewwel waħda li biha l-konvenuta talbet l-alimenti għaliha u għat-tifla Christine għadha pendenti billi l-attur interpona appell mid-deċiżjoni fiha mogħtija. Il-liġi ma tirikonoxxix is-separazzjoni "de facto" u għalhekk meta il-miżżewġin ikunu hekk separati, bħal ma huma separati l-kontendenti; ma hemmx lok għal ebda provvediment rigward it-tfal. Effettivament fis-sentenza mogħtija fit-tieni kawża msemmija, il-Qorti rriteniet sempliċement li l-konvenuta għaliex kellha tħalli d-dar konjugali mingħajr ma tat ebda provvediment dwar it-tifla Christine. Provvediment simili jingħata fil-każ ta' pendenza jew deċiżjoni tal-kawża ta' separazzjoni personali meta l-Qorti tipprovedi fl-interess tat-tfal dwar il-kura u l-kustodja tagħhom. Il-konvenuta tallega li ntentat kawża ta' separazzjoni personali kontra żewġha, imma fil-fatt ma jirriżultax li għamlet dan għaliex, kif

xehdet, hi verament taf li l-avukat tagħha avanza domanda quddiem il-Qorti kompetenti, wara li ġiet notifikata biċ-ċitazzjoni fil-kawża odierna, biex tiġi awtorizzata tintenta l-istess kawża. Kwindi attwalment ma hemm pendenti ebda kawża ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti. Xejn ma jiswa li, l-konvenuta ntentat azzjoni kontra l-attur għall-alimenti li, kif ingħad, tinsab pendenti in sede ta' Appell, għaliex il-mara li tabbanduna d-dar konjugali u tieħu magħha it-tfal hija obbligata tirrestitwixxi l-istess tfal lil żewġha mingħajr m'għandu jitqies, fl-azzjoni li r-raġel jagħmel kontra tagħha għal dik ir-restituzzjoni, jekk kelliex ġusta kawża biex tħalli d-dar ta' żewġha, billi azzjoni simili m'għandiex tiġi konfuża ma l-azzjoni tal-mara li tfittex lir-raġel għall-alimenti a parti mill-ġudizzju tas-separazzjoni.

Rat in-nota tal-Appell tal-konvenuta u l-petizzjoni tagħha li fiha talbet ir-revoka tal-imsemmija sentenza billi tiġi dikjarata nvalida l-esekuzzjoni tagħha fiż-żmien fiha stabbilit u billi tiġi wkoll fil-meritu miċħuda t-talba tal-attur billi, occorrendo, tiġi dikjarata s-soprassessjoni sa l-eżitu tal-kawża ta' separazzjoni pendenti bejn il-kontendenti.

Rat ir-risposta tal-attur appellat li talab il-konferma ta' dik is-sentenza.

Semgħat lid-difensuri tal-partijiet:

Ikkunsidrat:

Kif jirriżulta mill-petizzjoni u mit-trattazzjoni orali tal-appell, il-konvenuta appellanti tiċċensura s-sentenza ta' l-ewwel Qorti għaliex użat, mingħajr raġuni tajba — tgħid l-appellanti — għaliex ma kien hemm ebda motiv ta' urġenza — mill-fakulta konċessa bid-disposizzjoni kontenuta fl-arti-

kolu 255 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u, riferibbilment għall-meritu, qegħda titlob ir-revoka tal-istess sentenza għarraġuni li, peress li hemm pendenti kawża ta' separazzjoni personali bejnha u l-attur żewġha, kull provvediment dwar il-kura ta' l-imsemmija tifla Christine, tispetta lill-Qorti li quddiemha qedha tiġi trattata dik il-kawża anke in pendenza tagħha. Din iċ-ċirkostanza, skond l-appellanti, għandha almenu tipproduċi l-konsegwenza li ġġiegħel lil din il-Qorti tistenna l-eżitu ta' dik il-kawża qabel ma tippronunzja ruħha fuq dan l-appell, u għalhekk, in subordine, qegħda titlob issoprassessjoni.

Riferibbilment għall-ewwel motiv tal-aggravju, ma jidhirx li l-appellanti għandha raġun biex tilmenta mill-użu da parti ta' l-ewwel Qorti mill-imsemmija fakolta konċessa biddisposizzjoni tal-liġi fuq riferita; inveru, u apparti l-fatt illi l-urġenza hija in massima rimessa "al giusto arbitrio" talġudikant, l-appellanti talbet u otteniet is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza sa dak iż-żmien kollu li jkun meħtieġ sakemm l-istess sentenza tkun għaddiet "in giudicato"; u jekk imbagħad, dana l-lament hi tassew għamlitu in previdenza ta' eventwali sentenza konfermatorja tal-meritu billi f'dak il-każ trid li tiġi dikjarata nvalida l-esekuzzjoni tassentenza fiż-żmien stabbilit mill-ewwel Qorti, allura jiswa li jiġi rilevat illi l-attur talab li dan l-appell jiġi trattat bl-urġenza u t-talba tiegħu ġiet milqugħa, sebbene fis-sens enunċjat fl-ordni ta' din il-Qorti tal-ħamsa ta' Ġunju, 1963. Dana, pero, ma jfissirx li din il-Qorti ma tistax, fid-diskrezzjoni tagħha, tiffissa terminu ieħor għall-esekuzzjoni tas-sentenza, kif sejjer jidher aktar il-quddiem.

Riferibbilment għall-meritu, għandu l-ewwelnett jiġi rilevat illi l-fatti li ppreċedew u taw lok għal kawża qegħdin sewwa riassunti fis-sentenza li minnha hemm appell; li ta-

bilhaqq ma jirriżultax li l-attur tilef, għal xi raġuni kontemplata fil-liġi, il-patria potestà fuq l-imsemmija bintu Christine, u li l-kawża ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti bdiet wara li ġiet pronunzjata s-sentenza appellata.

Dana premess, din il-Qorti ssib li l-liġi u l-ġurisprudenza jappoġġaw is-sentenza appellata. Kif sewwa rrilevat l-ewwel Qorti, it-tfal leġittimi huma soġġetti għal patria potestà talmissier. L-omm mhix mil-liġi investita b'ebda attribwit ta' patria potestà fuq l-ulied. Bis-separazzjoni personali "de facto", li mhix rikonoxxuta mil-liġi, il-missier ma jitlifx d-drittijiet tiegħu ta' patria potestà fuq uliedu, u għalhekk meta l-ġenituri huma separati "de facto" il-mara m'għandhiex dritt iżżomm jgħixu magħha t-tfal li jkunu soġġetti għal patria potestà ta' żewġha, imma għandha troddhomlu, u ma hemm lok għal ebda provvediment dwarhom bħalma jingħata fil-każ ta' pendenza jew deċiżżjoni tal-kawża tas-separzzjoni personli, u fl-azzjoni li dan jagħmel kontra martu għar-restituzzjoni tat-tfal m'għandux jitqies jekk hi kelliex ġusta kawża biex tħalli d-dar ta' żewġha għaliex din l-azzjoni ma tistax tiġi konfuża ma l-azzjoni tal-mara li tfittex lill-żewġha għal alimenti indipendentement mill-ġudizzju tas-separazzjoni.

Pero, wara li ġiet mogħtija s-sentenza appellata bdiet bejn il-kontendenti kawża ta' separazzjoni personali u allura bdiet tirċievi l-importanza tagħha d-disposizzjoni kontenuta fl-artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili dwar il-kura tat-tfal fiż-żmien li tkun miexja l-kawża ta' separazzjoni. Dina ċ-ċirkostanza iżda, ma ġġibx magħha li s-sentenza appellata, mogħtija qabel ma bdiet dik il-kawża ta' separazzjoni personali, u li ma timmerita l-ebda ċensura, għandha tiġi revokata, u lanqas li din il-Qorti tissopprassedi sa kemm tiġi deċiża dik il-kawża, imma timponi iva d-dikjarazzjoni li sejra tiġi magħmula

Għal motivi premessi u għal dawk ta' l-ewwel Qorti li huma adottati, tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza denunzjata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, b'dan li t-terminu mogħti mill-ewwel Qorti għandu jibda jgħaddi mil-lum u jkun ta' għaxart ijiem; pero din is-sentenza m'għandiex tkun, u mhix, ta' ostakolu għall-eserċizzju tad-diskrezzjoni mogħtija mill-imsemmi disposizzjoni ta' l-artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili lill-Qorti li quddiemha issa tinsab pendenti l-kawża tas-separazzjoni personali, ikun liema jkun is-sens ta' l-eserċizzju ta' dik id-diskrezzjoni.